# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI
## GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI
**(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)**

## IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

**Laqgħa Nru 2**
**L-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz €2.50**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI**
**GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI**

**Laqgħa Nru 2**
**L-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.38 p.m.**

**ONOR. JULIA FARRUGIA (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** Skont l-Ordni Permanenti Nru 130, peress li l-President ta' dan il-Kumitat ma tistax tattendi, nipproponi li l-Onor. Ramona Attard tinħatar bħala President. Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

**ONOR. RAMONA ATTARD (Maħtura skont l-Ordni Permanenti 130):** Bħal kull laqgħa oħra tal-kumitati tal-Kamra, din il-laqgħa qiegħda tiġi video streamed b'mod dirett u qiegħda tiġi trażmessa fuq l-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament b'mod dirett ukoll.

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1, li saret fil-21 ta' Lulju 2026, ġew ikkonfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

## CONSTITUTION OF MALTA (AMENDMENT) BILL

*Skont riżoluzzjoni fis-Seduta Nru 14 tat-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026, il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 2** – Emenda tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.
**Clause 2** – Amendment of article 32 of the Constitution.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru Julia Farrugia.

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** M'għandniex emendi għal din il-klawsola.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 2. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 2 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

*Klawsoli 3, 4, 1 u t-Titolu għaddew nem. con. u ġew ordnati biex isiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-Ministru.

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nipproponi li l-Kumitat jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

*Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Hawn qbil li nirrapporta lill-Kamra li dan l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-Kumitat mingħajr emendi? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li l-Onor. Ramona Attard għandha tirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u biex tiżdied id-diżabilità bħala karatteristika protetta biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni skont id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta" għadda mill-istadju tal-Kumitat mingħajr emendi.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Nirringrazzja lil kull min ħa sehem f'din il-laqgħa tal-lum. Id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi hija konkluża.

*Fit-3.42 p.m. id-diskussjoni fi stadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi ġiet konkluża u l-Kumitat aġġorna.*